



Brussell, 17 ta' April 2023  
(OR. en)

8360/23  
ADD 1

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2023/0097(NLE)

---

AELE 17  
EEE 12  
N 39  
ISL 27  
FL 13  
MI 300  
BUDGET 5

## PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġeneral tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' April 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġeneral tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 198 final
Suġġett:	ANNESSI tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem I-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Linja baġitarja 07 20 03 01 — Sigurtà Soċjali)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 198 fīnal.

---

Mehmuż: COM(2023) 198 fīnal



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 17.4.2023  
COM(2023) 198 final

ANNEX

**ANNESSI**

**tal-**

**Proposta għal**

**DEĊIJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

**(Linja baġitarja 07 20 03 01 — Sigurtà Soċjali)**

## ANNESS

### **ABBOZZ TA' DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru [...]**

**ta' [...]**

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-ŻEE f'azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema, il-koordinazzjoni ta’ skemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migrant, inklużi migrant minn pajjiżi terzi.
- (2) Għalhekk, il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista’ tibda sseħħi mill-1 ta’ Jannar 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

#### *Artikolu 1*

Fil-paragrafi 5 u 14 tal-Artikolu 5 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, il-kliem “is-snin finanzjarji 2021 u 2022” jinbidlu bil-kliem “is-snin finanzjarji l-2021, 2022 u l-2023”.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE\*.

Għandha tapplika mill-1 ta’ Jannar 2023.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tīgi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

---

\* [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonal ma huma indikati.] [Rekwiżiti kostituzzjonal indikati.]

[...]

*Is-Segretarji  
tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*  
[...]